MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Numru. 772/2010

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Christopher Zarb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Zarb detentur tal-karta tal-identita` numru 38767(M).

Akkuzat talli:

> Fl-14 ta' Gunju 2010 ghall-habta ta' bejn l-04:00pm u l-04:30pm fi Triq l-Industrija, Hal-Qormi kkommetta hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni PMH 204 tal-ghamla Fiat Punto a detriment ta' Alexander Mercieca, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sitin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), izda teccedi l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);
>
> u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lill-Alexander Mercieca jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu;
>
> u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;
>
> u aktar talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13 ta' Jannar, 2009, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija, tipprovdi gahs-sigurta` tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda migjuba; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'allegat hsarat ghad-dannu ta' Alexander Zammit nhar l-erbatax (14) ta' Gunju 2010 u dan meta l-istess Alexander Mercieca kien mar ix-xoghol tal-imputat fejn kien jahdem ta' mastrudaxxa peress li kellu xi xoghol tal-injam pendenti ghandu. Hemmhekk inqala argument, u fi kliem il-kwerelant meta dan kien ser jitlaq, l-imputat allegatament qabad injama u beda jghati daqqiet fuq il-karrozza tal-kwerelant tal-ghamla Fiat Punto PMH 204.

L-ammont tal-hsarat kien jammonta ghal seba' mija, tmienja u sittin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (EUR 768.26).

Irrizulta illi sussegwentement l-imputat gie mitkellem xi xahar wara l-incident fejn huwa kien taha stqarrija fuq l-incident.

**XHIEDA**

**Alexander Mercieca** li hu l-persuna li sofra d-danni xehed li huwa bhala direttur manigerjali tas-socjeta' Pace & Mercieca, kien ikollu relazzjoni ta' xoghol mal-imputat izda gara illi l-imputat kien irnexxielu jaghmel debitu ta' circa hamsin elf Ewro (EUR50,000). Dawn spiccaw il-Qorti u ghalhekk Mercieca kellu sentenza favurih ghal dan il-kreditu pero' dan ma kienx qed jaghfsu hafna ghall-hlas. Darba wahda ta xi xoghol ta' injam lill-imputat ta' xi habib ta' Mercieca u meta darba wahda mar ghandu sabiex jara jekk kien hemm xi progress u dan xi sitt xhur wara, inholoq dan l-incident. Ix-xhud qal illi meta staqsa lill-imputat jekk kienx lesta ix-xoghol, dan kien qallu ripetutament li ma kienx ser jaghmlu, imbaghad meta ra li Mercieca telaq irrabjat, dan gie jigri warajh u jheddu b'injama bil-konsegwenza li meta Mercieca irnexxielu jidhol fil-karrozza, beda jaghti b'din l-injama fuq il-karrozza ta' Mercieca.

**PS 372 Jurgen Vella** xehed illi huwa kien l-ewwel persuna li mar fuq il-post dak in-nhar. Huwa kien ha l-ewwel verzjoni tal-imputat fejn huwa kien qallu li Mercieca kien mar ghandu, inqala argument u mbaghad l-imputat hareg

warajh u meta ra li Mercieca kien ser isuq ghal fuqu, dan beda jtih b'din l-injama fuq il-karrozza tal-istess Mercieca.

Xehed **Aldo Farrugia** li huwa impjegat ta' Alexander Mercieca fejn dak in-nhar kien hu li rceva telefonata minghand l-istess Mercieca fejn jinfurmah li kien ghadu kemm gie aggredit u kien hu li kien cempel lil pulizija. Fil-fatt huwa kien mar fuq il-post u ftit il-boghod kien sab lil Mercieca vicin il-fabbrika tal-imputat.

Gie mahluf bil-gurament is-"survey report" mertu tal-incident minn rapprezentant tas-socjeta' Gasan Mamo Insurance. (Dok MZM 1 u Dok MZM 2)

Xehed ukoll **Jason Cachia** li hu shab fin-negozju mal-imputat u li kien prezenti dak in-nhar tal-incident. Huwa jsostni l-istqarrija tal-imputat fejn jghid illi l-imputat beda jaghti bl-injama wara illi Mercieca dahal fil-karrozza tieghu, startja din il-karrozza u kien ser isuq ghal fuq l-imputat. F'dak il-mument l-imputat beda jghidlu il-kliem "ejja naraw min hu ragel jekk hux int jew jien" u fil-pront beda' jaghti bl-injama fuq il-karrozza. Kien wara ftit illi Mercieca mar fuq is-"seat" tal-passiggier u hareg mill-bieba sabiex jitlaq fuq il-post.

Xehed ukoll l-imputat **<u>Christopher Zarb</u>** illi kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu fejn rega' qal illi huwa beda jaghti fuq il-karrozza wara li Alexander Mercieca kien dar ghal fuqu bil-karrozza. Zarb spjega illi huwa hareg mill-hanut tieghu sabiex jipprova jikkonvinci lil Mercieca ma johodlux il-makkinarju tad-dejn li ried itih u dan baqa' hiereg b'din il-bicca njama li kienet xambrella twila u rqiqa.

**<u>KOSTATAZZJONIJIET</u>**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi kien hemm certu tensjoni bejn Mercieca u l-imputat u dan minhabba li l-imputat kien midjun ma' Mercieca ghas-somma ta' circa hamsin elf ewro. Illi mhux kontestat li Mercieca tah ftit nifs lill-imputat sabiex jirkupra mid-depressjoni tieghu avolja dan kellu sentenza mill-Qrati Civili ghall-konferma ta' tali dejn.

Illi mhux kontestat ukoll illi Mercieca mar dak in-nhar tal-14 ta' Gunju 2010 sabiex jara jekk l-imputat kienx ghamel dik il-bicca xoghol ghal habib ta' Mercieca li fi kliem l-istess Mercieca, kien ilu jigri warajh ghal madwar tmien xhur.

Illi din id-diskursata spiccat f'battibekk fejn zgur li ntqalu xi kliem mhux sbieh miz-zewg nahat izda fejn Mercieca kien ha d-decizjoni li jitlaq mil-post u dan wara li kien hass li qata' qalbu li jirkupra xi haga mill-imputat u probabilment kien ser ihalli kollox f'idejn il-Qrati.

Illi l-punt ta' kontestazzjoni hu jekk fil-fatt Mercieca saqx ghal fuq l-imputat qabel ma dan beda jaghti bl-injama jew le u hawnhekk il-Qorti kellha xenarju fejn hemm il-verzjoni tal-parte civile u dik tal-imputat li b'xi mod kienet korroborata minn Jason Cachia.

Din il-Qorti thoss illi hija aktar verosimili il-verzjoni tal-parte civile illi huwa ried jitlaq mill-post ghax ma kien ha xejn mill-imputat. Dahal fil-karrozza tieghu, possibilment startja l-karrozza u anke' li kieku beda' miexi bil-karrozza, hija inverosimili li ried jibqa' diehel fuq l-imputat aktar u aktar meta dan rah gej ghalih bl-injama f'idejh. Ix-xhieda ta' Jason Cachia ma tghinx hafna ghat-tezi tal-imputat ghaliex ma kienitx wahda cara ghall-ahhar. Barra minn hekk, li kieku l-imputat hassu aggravat b'dak li l-parte civile kien ghamillu, allura ghaliex ma kienx ghamel rapport meta l-pulizija gew ghandu dwar l-incident. Dak li huwa zgur hu li l-parte civile qatt ma kien jaqbillu jwegga lill-imputat ghaliex bis-sentenza li kellu f'idejh, kellu kull interess li jesegwixxi kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat **Christopher Zarb** hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u stante li l-imputat kien precedentement ibati minn depressjoni li x’aktarx wasslitu ghas-sitwazzjoni prezenti thoss illi piena idoneja tkun dik ta’ Ordni ta’ Probation ghal zmien sena (1) fejn il-probation officer hekk imqabbad ghandu jghinu f’din il-haga kif ukoll filwaqt li timponi wkoll ordni ta’ protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta a favur ta’ Alexander Mercieca skont digriet hawn anness.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------